# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 305/97

Victor Caruana

vs

Dipartiment tax-Xogholijiet u Kalaxlokk Company Limited li giet kjamata fir-rikors b` digriet tat-8 ta` Gunju, 1999.

Illum 1 ta` Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u il-15 ta' Mejju, 1992, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 u 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax promotion u minflok nghata transfer.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Ir-rikorrent beda jahdem mad-Dirghajn il-Maltin fl-1979 u sena wara gie trasferit ghal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet.
2. Fis-sena 1985, ir-rikorrent mar jahdem Kalaxlokk u hawn kien jaghmel xoghol ta' leading man u kien jithallas skond dan il-post, pero' qatt ma kien nghata promozzjoni ghal dan il-post.
3. Illi wara l-Elezzjoni Generali tal-1987, ir-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet u konsegwentement gie stazzjonat Haz-Zebbug, Hal-Qormi, is-Siggiewi u ta' Kandja fejn kellu ghoxrin ruh u zewg trakkijiet impressed li waqghu taht ir-responsabbilita' tieghu.
4. Illi minkejja li ir-rikorrent kien qed jaghmel xoghol ta' leading man regghu indikaw il-posizzjoni tieghu bhala labourer bir-rizultat li naqqsulu Lm14 paga kull hmistax.
5. Illi xi sena wara ir-rikorrent reggha nghata transfer iehor, din id-darba ghall-garage tal-Gvern, il-Marsa u ghadu hemm sallum.
6. Illi in konsegwenza ta' dak kollu premess, ir-rikorrent sofra telf finanzjarju u dan meta ghandu familja biex jimmantjeni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal biex jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata lura l-grad li kellu u kkumpensat ghat-

telf ta' paga jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista ta' xhieda prezentata mir-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi skond id-dossier, ir-rikorrent gie trasferit mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mid-29 ta' April, 1980 minn mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Fit-3 ta' Mejju, 1982 mar mal-Ministeru ta' l-Intern u reggha lura b'effett mill-1 ta' Settembru, 1983. Sussegwentement, hu gie sekondat ma' Kalaxlokk b'effett mis-7 ta' Novembru, 1986. Fit-3 ta' Gunju, 1987, reggha rritorna fid-Dipartiment u gie attaccjat ma' Distrett Numru 9. Minn hemm gie trasferit ghall-garaxx tal-Marsa fl-14 ta' Ottubru, 1987. Bir-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1991, ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' General Hand.

Illi mir-records li jippossjedi d-Dipartiment jirrizulta li ir-rikorrent gie trasferit lura fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fuq struzzjonijiet ta' Kalaxlokk abbazi esigenzi tas-servizz.

Illi matul dan il-perjodu ir-rikorrent kien jibbenefika minn paga ta' Lm42.00c fil-gimgha. Tajjeb wiehed isemmi f'dan l-istadju, li l-impjegati kollha sekondati kienu jinghataw paga oghla, izda din kienet tigi aggustata skond il-grad ga la darba irritornaw lura fid-Dipartiment.

Illi fejn jikkoncerna promozzjonijiet, ir-rikorrent naqas li japplika ghaz-zewg sejhiet, u cioe sejha 17/88 u 36/91.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra li fit-8 ta' Gunju, 1999 il-Kalaxlokk Company Limited giet kjamata in kawza.

Rat ir-risposta tas-Socjeta' Kalaxlokk Company Limited li permezz taghha eccipiet:

Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata bl-atti relattivi fis-16 ta' Gunju 1999 u ghalhekk hija qed twiegeb ghall-istess fit-terminu stabilit skond il-ligi.

Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari s-socjeta' esponenti taghmel referenza ghall-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u titlob li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma giet qatt intimata b'ilment tavolat specifikat mill-imsemmi artikolu. Ma hemmx dubju ghalhekk illi l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' esponenti hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess. In-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront tas-socjeta' esponenti fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Sabiex wiehed jaghti ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien

perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur hidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost jekk wiehed jezamina l-istess rikors promotur fid-dawl tar-risposta tad-dipartiment tax-Xogholijiet u l-provi li diga gew imressqa quddiem dan it-tribunal (partikolarment id-dikjarazzjoni ta' l-istess rikorrent), wiehed jasal ghal konkluzjoni illi fir-realta' l-ilment tar-rikorrent, in kwantu qed jigi dirett lejn is-socjeta' esponenti, ma jirrigwardax trasferiment benche' terminazzjoni tas-secondment tieghu mal-kumpanija. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk ma jinkwadrax ruhhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997 u ghalhekk dan it-Tribunal fi kwalunkwe kaz ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dan l-ilment. Infatti terminazzjoni ta' sekondment ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi ( c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas that il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz 1, tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

In fatti, kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu dwar "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti" ta' ufficjali pubblici jew ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika "terminazzjoni ta' secondment" bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant, ilment dwar terminazzjoni ta' secondment ma jista' jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal.

Jinghad ukoll ghal kull buon fini li "termnazzjoni ta' secondment" qatt ma tista' tigi interpretata bhala "trasferiment". Madankollu, anke li kieku ghas-sahha ta' l-argument "terminazzjoni ta' secondment" kellha titqies bhala "trasferiment", xorta wahda dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jikkunsidra dan l-ilment tar-rikorrent. Skond l-artikolu 2 ta' l-Att in kwistjoni, "ufficjal pubbliku" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Illi mir-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u kif ukoll mix-xhieda imressqa, diga jirrizulta illi r-rikorrent kien ufficjal publiku, in kwantu kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, u gie sekondat mas-socjeta` esponenti (ara partikolarment ix-xhieda ta' Edward Previ moghtija fis-seduta tat-18 ta' Frar 1999). F'dan il-kuntest ghalhekk qed jigi konfermat illi r-rikorrent baqa' impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited u ghalhekk huwa qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta` esponenti. Huwa ovvju li socjeta` kummercjali, anke jekk il-Gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha, qatt ma tista' tkun f'pozizzjoni li taghti "trasferiment" lil ufficjal pubbliku u li

ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jinkwaddrax ruhu taht dan il-paragrafu. Se mai, huwa d-Dipartiment koncernat li ghandu l-poter li jaghti "transfer" lil ufficjal pubbliku u dan anke jekk tali mizura tittiehed wara li d-Dipartiment ikun gie dirett jaghmel l-istess minn socjeta` bhalma hija dik esponenti.

Similment l-ilment tar-rikorrent ma jistax jinkwadra ruhu taht paragrafu (b) ghax kif diga gie spjegat aktar ‘l fuq r-rikorrent qatt ma kien impjegat ta’ Kalaxlokk Company Ltd u ghalhekk qatt ma kien impjegat ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi.

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra dan l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-esponent u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent kontra l-esponent ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost it-talba rikorrenti hija fi kwalunkwe kaz insostenibble stante li mhux talli ma ssegwix il-premessi li fuqhom hija bazata talli hija manifestament kontradetta mill-istess premessi li fuqhom hija bazata. Fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotorju r-rikorrent jibbaza l-ilment tieghu fuq allegazzjoni ta’ inugstizzja peress li skond hu ma nghatax promotion u minflok inghata transfer. Fit-talba tieghu imbaghad ir-rikorrent jitlob li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata lura l-grad li kellu u jigi kkumpensat ghat-

telf ta' paga jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithalls kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000. Illi l-kontradizzjoni tal-premessi tar-rikors mat-talba rikorrenti hija wahda cara u manifesta: Ir-rikorrent qed jitlob li jinghata lura grad li aktar 'l quddiem huwa jesponi li qatt ma nghata. L-insostenibilita' ta' din it-talba hija ghalhekk cara u manifesta in kwantu dan it-Tribunal ma jistax jilqa' talba kontradetta mir-rikorrent innifsu fl-istess rikors promotur.

Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, fil-mertu ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

(a) L-ilment tar-rikorrent, in kwantu qed jigi dirett lejn is-socjeta' esponenti, ma jammontax ghall-ingustizzja li huwa seta garrab b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew prefrenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellu jgarrab minhabba xi azzjoni tas-socjeta' esponenti tirrifjuta kategorikment li setghet hadet xi azzjoni li b'xi mod li tista tammonta ghall-ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Inoltre is-socjeta' esponenti tirrileva li mill-1987 sal-lum, il-haddiema nvoluti fil-progett tal-bini tal-Freeport naqsu minn izjed minn 1600 bniedem ghal anqas minn 500. Meta wiehed jiehu kont ta' dan il-fatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jistghux ireghgu. Il-fatti juru l-verita' u l-verita' hi li l-kumpanija irrejalizzat li kellha workforce (bejn impjegati u haddiema sekondati maghha minn mal-Gvern) ferm

aktar milli kellh bzonn u ghalhekk iddecidiet li bil-mod tnaqqas il-workforce taghha skond il-htigijiet tax-xoghol.

(b) Ir-rikorrent jilmenta wkoll li b'rizultat tat-terminazzjoni tas-sekondment tieghu mas-socjeta' esponenti huwa naqaslu d-dhul tieghu in kwantu giet imnaqqas lilu l-paga. F'dan ir-rigward jehtieg jinghad illi huwa ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercepixxi xi zidiet jew allowances mentri kien sekondat mas-socjeta' esponenti, huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat. Huwa daqstant ovvju li galadarba s-secondment min-natura tieghu huwa ta' natura temporanja u qatt ma hu permanenti, ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta' esponenti ma kienx ser jibqala bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwenza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija zidiet. Fi kliem iehor, ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li tali zidiet jew allowances kienu ser ikunu ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li saret mighu xi ngustizzja ghax ma baqax jippercepixxi l-istess zidiet.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Is-socjeta' esponenti rriservat li tqajjem difizi ohra jekk ikun il-kaz.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' Kalxlokk Company Limited.

Dan it-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina it-tieni eccezzjoni ghax jekk din tigi milqugha toqtol il-kawza fil-konfront tal-intimati kollha u mhux biss fil-konfront tas-socjeta' Kalaxlokk. L-eccezzjoni ssostni li dak li hemm fir-rikors huwa terminazzjoni ta' secondment u mhux transfer.

Fil-kawza deciza mit-Tribunal fl-ismijiet "Vincent Camilleri vs Chairman Kalaxlokk Company Limited" fis-26 ta` Ottubru, 2000, intqal:
"Illi din id-decizzjoni hi dwar l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-kompetenza tat-Tribunal stante li hu jargumenta li dan il-kaz ma jirrigwardax trasferiment izda terminazzjoni ta' secondment u bhala tali terminazzjoni jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-*ewwel rekwisit* huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab.  Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987.  Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni.  Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…”  Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..”  u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv.  Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa  u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Ta’ min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

“Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b’mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ohra:”

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Impiegi that il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f’azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Gie deciz diversi drabi li terminazzjoni ta’ impieg mhux ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs

Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. Intqal li l-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997.

Izda hawn wiehed irid jezamina jekk meta persuna tkun seconded u dan is-secondment jispicca, dan hux terminazzjoni jew trasferiment? Strettament is-secondment ikun spicca u ghalhekk wiehed irid jasal ghal fatt li hemm terminazzjoni ta' secondment. Izda hawn il-gudikant ghandu l-obbligu li jara jekk fil-***mens legis*** dan hux il-kaz. Meta l-legislatur ikkwalifika x'jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal kien qieghed idahhal certu kazijiet u mhux ohrajn u infatti t-terminazzjoni giet imhollija barra anke minhabba l-fatt li terminazzjoni hija trattata direttament taht ligi ohra. Izda f'dan il-kaz ma hemmx terminazzjoni ta' impieg tant li r-rikorrent ma spiccax unemployed. Zgur li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma setghax imur quddiem it-Tribunal ghar-Relazzjonijiet Industrijali biex jilmenta dwar il-kaz tieghu ghax-terminazzjoni ta' impieg ma hemmx. Li hemm huwa li minflokk li r-rikorrent baqa' assenjat doveri mal-Kumpanija spicca lura f'dipartiment, u cioe' ghal fini ta' l-Att VIII tal-1997 gie trasferit lura. Ghalhekk il-kaz jibqa' ta' kompetenza tat-Tribunal."

Ghal l-istess motivi, jichad l-eccezzjoni sollevata.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront

taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tas-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997.

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie presentat fil-31 ta' Lulju,1997;
2. Fit-8 ta' Gunju, 1999 ir-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Kalxlokk Company Limited liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data;

3. Is-socjeta' intimata giet notifikata fis-16 ta' Gunju, 1999 u fil-5 ta' Lulju 1999 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa kien fit-8 ta' Gunju, 1999 li r-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku is-socjeta' kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fit-8 ta' Gunju, 1999 li jekwivali li fil-konfront

tal-imsemmija socjeta' ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

L-argument tar-rikorrenti ghall-applikabilita' tal-artikoli 15 tal-Att, u l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 ma jwasslux ghall-validita' tar-rikors fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza. Dan l-artikolu jitkellem dwar korrezzjonijiet, izda xorta wahda t-termini iridu jigu osservati.

Jinghad pero' li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimat l-iehor. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000, iddecida li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza u jilliberha. Jordna li l-ilment jibqa' jigi investigat fil-konfront tal-intimat l-iehor biss.

Spejjez ta' dawn il-proceduri bin-nofs bejn ir-rikorrenti u s-socjeta kjamata fil-kawza.

Differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tar-rikorrent ghas-6 ta' Marzu, 2001 fid-9 a.m. b' dan li l-Assistenta Gudizzjarja tkompli tisma' l-provi.